**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 48– L-ERBGĦA, 19 TA' DIĊEMBRU 2012 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 47**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Violet Bajada issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 74**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Performance Bonus**

3.1 Saret diskussjoni rigward il-*performance* tas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff l-oħra kollha. Ġiet ikkunsidrata l-ħidma li saret matul is-sena u l-*performance appraisal*. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jingħata l-*full performance bonus* lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff kollu tal-Kunsill. Is-Sur Neville Mallia issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Ġie deċiż li jiġu stampati *information packs* fuq San Ġwann minħabba li dawn spiċċaw.

4.2 Saret diskussjoni rigward talba għal *timed parking* fi Triq il-Ħġejjeġ u Triq Matrenza. Din għandha tiġi bħala estensjoni għal dik eżistenti fis-*service road* fi Vjal ir-Riħan. Kien hemm 6 favur u 1 kontra. Għandha tintalab petizzjoni mir-residenti qabel ma ssir it-talba lil TM.

4.3 Ġie deċiż li l-Ikla tal-Milied issir f'Ta' Marija Restaurant nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Jannar 2013.

**5 Affarijiet Oħra**

5.1 Is-Sur Neville Mallia ippropona li ssir *zebra crossing* fil-parti ta' fuq ta' Triq Bella Vista. Għandha ssir talba lil TM.

5.2 Is-Sinjura Marica Bayliss fakkret li ser isir il-kunċert tal-Ewwel tas-Sena nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Jannar 2013. Hi lmentat li kien hemm parteċipazzjoni fqira ħafna mill-Kunsilliera għall-attività tal-Milied taħt it-tinda. Hi lmentat ukoll li l-magazine ġie mqassam tard ħafna. Għandha tintbagħat ittra ta' lment lill-publisher fuq dan ir-rigward.

5.3 Is-Sinjura Joan Farrugia ġabet għall-attenzjoni s-suċċess kbir li kienet l-attività ta' *Gift in a Shoebox*. Sabet ħafna ko-operazjoni mill-ġenituri tat-tfal għar-rigali.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mill-laqgħa fis-7.10pm.

5.4 Is-Sinjura Violet Bajada rringrazzjat lil Joan Farrugia u lil Marica Bayliss għall-ħidma tagħhom għal dawn l-attivitajiet. Hi rrimarkat li ma kienx hemm appoġġ mill-Kunsilliera rigward il-fiera tal-Majjistral Action Group Foundation (MAGF).

5.5 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici rrimarka rigward il-*white line* li sar fi Triq Bella Vista. Is-Segretarju infurmah li kif ġie ikkomunikat mit-TM, dan il-*white line* jista' jinqabeż biex tiġi aċċessata Vjal in-Naspli u Triq iċ-Ċirasa. Hu informa li ma setax jattendi għall-attività tal-MAGF għax kien Għawdex. Hu talab ukoll biex issir laqgħa mas-Sindku u Marica Bayliss rigward id-Day Centre. Kien hemm qbil.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 21 ta' Jannar 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |